31995D0099

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Marzu 1995

li temenda d-Deċiżjoni Nru 93/195/KEE dwar il-kundizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul mill-ġdid taż-żwiemel reġistrati għat-tlielaq, kompetizzjoni w avvenimenti kulturali wara esportazzjoni temporanja

(95/99/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id- Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjoni tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' equidae [1] kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja w l-Iżvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 (ii) tiegħu,

Billi, skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE [2], kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 95/561/KE [3], id-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati għat-tlielaq, kompetizzjoni u avvenimenti kulturali wara l-esportazzjoni temporanja hija ristretta għaż-żwiemel miżmuma għal anqas minn 30 jum f'xi pajjiż terz;

Billi biex tiffaċilita li żwiemel li joriġinaw fil-Komunità jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku ta' l-Atlanta fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fl-1996 u fl-avvenimenti ta' tħejjija, dak il-perijodu irid jitwal għal anqas minn 90 jum;

Billi l-miżuri provduti d'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DECIŻJONI:

Artikolu 1

ID-DECIŻJONI Nru 93/195/KEE hija emendata skond dan li ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 1:

   "— ħadu sehem fil-Logħob Olimpiku ta' l-Atlanta fl-1996 jew fl-avvenimenti ta' tħejjija programmati għal Awissu tal-1995 u jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba stabbiliti għaċ- ċertifikat ta' saħħa skond il-mudell imfassal fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni."

(1) ĠU L 224, ta' l-18.8.1990, p. 42
(2) ĠU L 86, ta' l-6.4.1993, p. 1
(3) ĠU L 214, ta' l-19.8.1994, p. 17

2. L-Anness li ġej huwa miżjud:

"L-ANNESS III

CERTIFIKAT TA' SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati li jkunu ħadu sehem fil-Logħob Olimpiku ta' l-Atlanta tal-1996 jew fl-avvenimenti ta' tħejjija fl-Atlanta (Awissu 1995) wara esportazzjoni temporanja ta' anqas minn 90 jum

ċertifikat Nru .....

pajjiż terz li qed Jesporta: l-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA

Ministeru Responsabbli: USDA

I. **Identifikazzjoni taż-żiemel**

(a) Nru tad-dokument ta' l-identifikazzjoni: .....

(b) Validat minn: .....

(isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. **Oriġini taż-żiemel**

Iż-żiemel irid jintbagħat minn: .....

(il-post minn fejn mibgħut)

għal: .....

(post tad-destinazzjoni)

bl-ajru: .....

(agħti n-numru tat-titjira)

Isem u indirizz ta' min jibgħat: .....

.....

Isem u indirizz ta' min jirċievi: .....

.....

III. **Tagħrif dwar saħħa**

Jiena hawn taħt iffirmat niċċertifika li ż-żiemel imsemmi aktar 'il fuq jissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba stipulati fil-punt III (a), (b), (ċ), (e), (f), (g) u (h) ta' l-Anness II mad-Deċiżjoni 93/195/KEE u li nżamm fi propjetajiet approvati uffiċjalment taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali minn mindu daħal fit-territoriju ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fil- ..... (anqas minn 90 jum) u tul dak il-perijodu nżamm fi stalel separati minħajr ma kellu kuntatt ma' l-equidae ta' status ta' saħħa aktar baxx ħlief waqt il-kompetizzjonijiet.

IV. Iż-żiemel jitwassal b'mezz ta' trasport imnaddaf u diżinfettat minn qabel b'diżinfettant aċċettat uffiċjalment fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

V. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Data: Post: Timbru w firma tal-veterinarju uffiċjali:

(Isem, pożizzjoni w kwalifika professjonali b'ittri kbar)"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Marzu 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni